MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 294/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-1 ta’ Settembru, 2005 li permezz tagħha l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi fis-16 ta’ Mejju, 2005 twieled lill-attriċi l-minuri X, u dan skond l-Att tat-Twelid anness u mmarkat Dok. ‘A’, u dan wara relazzjoni li l-attriċi kellha mal-konvenut B;

Illi għalkemm interpellat permezz ta’ ittra bonarja reġistrata datata l-1 ta’ Lulju, 2005, (kopja tagħha hawn

annessa u mmarkata Dok. 'B') sabiex jgħaddi għar-rikonoxximent tal-minuri, il-konvenut baqa' ma weġibx u inadempjenti;

Illi konsegwentement il-minuri ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku mill-attriċi b'Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2508, taħt missier mhux magħruf (Dok. 'A' anness);

Illi l-attriċi għandha interess illi l-minuri jiġi rikonoxxut mill-missier bħala wild naturali tiegħu;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti jew min minnhom, għar-raġunijiet suesposti, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-minuri X huwa iben naturali tal-konvenut B billi jekk ikun il-każ tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet ġenetiċi appositi ħalli tiġi stabbilita definittivament il-paternita' tal-minuri;

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri X, numru ta' iskrizzjoni 2508, jagħmel is-sostituzzjonijiet meħtieġa billi fejn fl-Att hemm referenza għall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem '*unknown father*' jiġu sostitwiti bis-segwenti konnotati:

'*B, Karta ta' Identita' numru xxxxxx(M), imwieled Pieta' u residenti Ħal Far, iben omissis*

3. Tiffissa retta ta' manteniment xierqa għall-bżonnijiet ta' l-imsemmi minuri X, u tordna lill-konvenut B iħallas tali retta taħt dawk il-modalitajiet li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fil-25 ta’ Ottubru, 2005 li permezz tagħha espona bir-rispett;

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fiċ-ċitazzjoni u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-tielet talba attriċi, l-esponent mhux il-leġittimu kontradittur.

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju wkoll, jekk it-talbiet attriċi jiġu milqugħa l-attriċi għandha bżonn tispeċifika jekk il-missier ta’ l-allegat missier naturali huwiex ħaj jew mejjet.

4. Illi l-interessi tal-minuri għandhom ikunu rappreżentati minn kuraturi deputati *stante* illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

5. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas tal-konvenut li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fil-31 ta’ Mejju, 2006 li permezz tagħha eċċepixxa;

1. Illi primarjament jiġi rilevat illi sabiex tiġi stabbilita l-paternita’ tal-minuri dan għandu jsir kif rikjest

mil-liġi, *ossia* permezz ta’ dawk it-testijiet ġenetiċi relattivi, *ossia* permezz ta’ *D.N.A testing*;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenut mhux qiegħed joġġezzjona li jsiru dawk it-testijiet ġenetiċi neċessarji kif rikjesti mil-liġi sabiex tiġi stabbilita l-paternita’ tal-minuri;

3. Illi t-tieni talba attriċi għandha tkun biss konsegwenzjali ta’ l-ewwel talba u għalhekk tintlaqa’ biss jekk jirriżulta li l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri wara li jsiru dawk it-testijiet ġenetiċi neċessarji u opportuni kif indikat hawn iktar ‘il fuq;

4. Illi t-tielet talba hija improponibbli *stante* illi hija kontradittorja għall-ewwel talba attriċi għaliex tippresopponi stat ta’ fatt illi l-konvenut huwa l-missier naturali u l-provi miġjuba mhux ser ikollhom l-ebda rilevanza fuq din l-istess talba;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits u semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Diċembru, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob li t-tarbija msemmija fiċ-ċitazzjoni tiġi reġistrata bħala bint il-konvenut. Din ġiet reġistrata bħala bint missier mhux magħruf. Din il-kwistjoni ġiet riżolta permezz tal-priva xjentifika tant li minn dakinhar li saret il-prova l-konvenut ma baqax jikkontesta dawn it-talbiet.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża l-iktar fl-isfond ta' dak li *gia'* ingħad u ma hemm ebda dubju dwar din it-talba attriċi.

Jibqa' jiġi deċiż allura l-kwistjoni ta' l-alimenti li għandu jħallas il-konvenut għall-minuri. Il-konvenut fis-seduta tas-26 ta' Ġunju, 2007 kien aċċetta li jħallas sebgħin Lira Maltin (Lm70) fix-xahar u dan huwa l-arranġament eżistenti bħalissa; bħala ordni aktar duratur il-Qorti tħoss li l-ammont li għandu jħallas ikun ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar bħala manteniment għall-minuri.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut B.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------